MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2006

Numru. 827/2000

Il-Pulizija
Spettur Paul Vassallo
vs
Antoine Abela

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fit-13 ta' Gunju, 2000 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, sabiex jikser xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, billi wahhal set ta' number plates foloz (LAL-314) fuq vettura tal-ghamla 'Fiat Ritmo', (numru ta' registrazzjoni BAA-351), ai termini tal-Artikoli 188 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess zmien u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi uza set ta' number plates foloz (LAL-319), fuq vettura ohra tal-

ghamla ‘Fiat Ritmo’, (numru ta’ registrazzjoni BAA-351), ai termini tal-Artikolu 189 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u tal-Artikoli 17 u 31 tar-Regolamenti ta’ l-1994 Dwar Il-Vetturi Bil-Mutur (A.L. 128/1994) u tal-Artikoli 15 (1b) u 18 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess zmien u cirkostanzi, ghamel uzu minn vettura Fiat Ritmo, bin-numru LAL-314 waqt li kien qieghed jiskonta kundanna ta’ sospensjoni jew ta’ skwalfika mil-licenzji tas-sewqan, u b’hekk sar recediv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta (Magt. Dr. Miriam Hayman, LL.D.) iddatata l-1 ta’ Dicembru 1999.

Talli fl-istess zmien u cirkostanzi, ghamel uzu mill-vettura msemmija minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan u ghalhekk ma kienx kopert bi polza tas-sigurta dwar ir-riskju ghat-terzi persuni;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat iwiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lill-imputat debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dan waqt is-seduta tas-16 ta’ Marzu, 2006.

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu issibu <u>hati</u> ta’ dawn l-imputazzjonijiet kollha wara li rat l-Artikoli 188, 189, 17 u 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikoli 17 u 31 tar-regolamenti tan-1994 dwar il-vetturi bil-mutur, Avviz Legali 128 tan-1994 u l-Artikoli 15 u 18 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-Artikoli 22 (A) u (3) tal-Kap. 204 u l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena il-fatt illi l-imputat irregistra ammissjoni, kif ukoll li ikkopera mal-pulizija matul l-investigazzjoni. Izda il-Qorti rat ukoll l-Artikoli 49 u 50 peress illi irrizulta illi l-imputat huwa recidiv u ghaldaqstant tenut kont ta’ dawn ic-cirkostanzi kollha il-

Qorti tikkundanna lill-imputat fuq imsemmi misjub hati kif intqal, ghall-multa ta’ hames mitt lira (LM 500), tiskwalifikah milli jkollu kwalsiasi licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta’ tnax il-xahar mil-lum u filwaqt illi tibberah tobbligah illi ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilita tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------